MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 415/2013

**Stephen Scicluna**

**(KI 461376 (M))**

**vs**

**Perit Claude Busuttil**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-29 t'April, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi r-rikorrenti kien gie inkarigat mill-intimat biex jaghmel xi xogholijiet fir-residenza u fl-ufficcju tal-istess intimat 307, Triq San Pawl, il-Belt, li kienu jinkludu l-faccata, tindif taz-zebgha taz-zejt, tibjid ta' kmamar u xogholijiet ohra;

1.2 Illi dawn ix-xogholijiet saru kif miftihem;

1.3 Illi l-istess xogholijiet saru skont is-sengha u l-arti u gew verifikati mill-perit intimat;

1.4 Illi l-valur tax-xoghol kollu ezegwit skont il-prospett relattiv jammonta ghal hdax -il elf, seba` mija u erbgha u disghin Ewro u ghaxar centezmu, (€11,794.10), kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

1.5 Illi nonostante li debitament interpellat biex ihallas l-ammont minnu dovut, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.6 Illi ghalhekk ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` iwiegeb u jghid ghaliex din m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat hu debitur tar-rikorrenti fl-ammont fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel;

1.6.2. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti l-ammont minnu hekk dovut fuq indikat;

1.6.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

1.7 Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimat datata id-29 ta’ Mejju, 2013, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

1.7.1. Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrenti hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2148, (0vvjament tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), in kwantu li l-azzjoni odjerna hi ta’ bennej u bajjad, jew ta’ persuna ohra li tahdem sengha ghall-prezz ta’ xoghol tieghu jew tal-materjal li jforni;

1.7.2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma kien hemm l-ebda ftehim fuq il-prezz u ir-rikorrenti kien isostni li kien ser jithallas permezz ta’ *commissions* fuq xogholijiet li kien jghaddilu l-intimat;

1.7.3. Illi x-xoghol ma’ sarx skont is-sengha u l-arti, u parti sostanzjali minnu kellu jerga` jsir minn terzi;

1.7.4. Illi l-ammont pretiz hu ezagerat u ingustifikat;

1.7.5. Salv eccezzjonijiet ohra;

1.7.6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

1.8. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta’ Gunju, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat il-kapovolgiment tal-provi limitatament fuq

l-ewwel risposta tal-intimat senjatament dik rigwardanti l-preskrizzjoni, (ara foll 27);

1.9. Rat l-eccezzjoni ulterjuri datata s-7 ta' Frar, 2014, li permezz taghha l-intimat, wara d-debita awtorizzazzjoni ghall-istess, (ara foll 35), eccepixxa ulterjorment is-segwenti:

1.9.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur ghat-talba ghall-hlas ghal xoghol rigwardanti l-istallazzjoni t'*air conditioner*, (ara foll 65);

2. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-9 t'April, 2014, li permezz tieghu talbu li jigu decizi flimkien:

2.1. L-eccezzjoni ulterjuri tal-intimat, (ara foll 62); u

2.2. L-ewwel risposta tal-intimat, (ara foll 21);

3. Rat id-digriet taghha wkoll datat id-9 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti, awtorizzathom jittrattaw iz-zewg eccezzjonijiet preliminari in dizamina bil-modalita` hemm indikata (ara foll 69);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata t-13 ta' Mejju, 2014, (ara foll 72);

5. Rat in-nota risponsiva tar-rikorrenti datata it-30 ta' Mejju, 2014, (ara foll 77);

6. Ezaminat id-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti u d-dokumenti kollha esebiti;

7. Semghet ix-xhieda prodotta:

Ikkunsidrat:

8. Illi in vista tas-suespost din id-decizjoni hi limitata ghaz-zewg (2) eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimat senjatament:

8.1. Il-kwistjoni relattiva jekk l-intimat hux il-legittimu kontradittur fil-konfront tal-*air conditioner* hemm minnu indikat;

8.2. Il-kwistjoni rigwardanti l-preskrizzjoni sollevata mill-istess intimat;

9. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

9.1. Illi l-preskrizzjoni indikata mill-intimat hi dik naxxenti mill-artiklu 2148 tal-Kap 16 fuq indikat, li sintetikament tistabilixxi li l-azzjonijiet hemm imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax (18) -il xahar;

9.2. Illi l-azzjonijiet relattivi ghall-fatti involuti fil-kaz odjern jirrigwardaw ix-xoghol ta' bajjada u bennejja ghall-prezz tax-xoghol involut jew tal-materjal fornit;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi minn analizi tal-fatti kif esposti fid-deposizzjonijiet ezaminati jirrizulta sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi l-appalt moghti lir-rikorrenti gie ezegwit principalment qabel u matul is-sajf 2010 u gew terminati fl-ewwel gimgha ta' Settembru, 2010, (ara foll 41, xhieda tal-intimat u foll 43, xhieda ta' Martino Nociforo;

10.2. Illi sussegwentement is-socjeta` bl-isem *Ark Studio Limited* inkarigat lir-rikorrenti biex jaghmel xoghol ulterjuri separat fis-sajf 2011, senjatatment rigwardanti l-*air conditioning unit* involut;

10.3. Illi jirrizulta li l-ewwel ittra gudizzjarja mibghuta mir-rikorrenti lill-intimat hi datata l-11 t'Ottubru, 2012, (ara foll 10), segwita b'ohra datata t-30 ta' Novembru, 2012, (ara foll 11);

10.4. Illi r-rikors guramentat li ta` bidu ghall-procedura odjerna hu datat id-29 t'April, 2013, (ara foll 1);

10.5. Illi l-ahhar pagament imhallas lir-rikorrenti hu datat it-13 ta' Novembru, 2010, (ara prospett a foll 8);

Ikkunsidrat:

11. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li il-perjodu operattiv in dizamina beda effettivament jiddekorri mit-13 ta’ Novembru, 2010;

12. Illi *ai termini* tal-artiklu 2148 tal-Kap 16 fuq indikat il-perjodu effettiv li fih setghet legittimament tigi intavolata l-azzjoni tar-rikorrenti minghajr il-periklu tal-preskrizzjoni in dizamina kellu jkun mit-13 ta’ Novembru, 2010, sat-13 ta’ Lulju, 2012;

13. Illi l-ewwel ittra gudizzjarja mibghuta mir-rikorrenti fil-konfront tal-vertenza odjerna tirrizulta datata l-11 t’Ottubru, 2012, u ghalhekk tirrizulta li straripat il-limitu statutorju impost b’diversi xhur;

14. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-azzjoni odjerna tirrizulta li hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi rigward l-ammont specifikatament dovut ghall-*air condition* in dizamina, jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi l-*unit* in dizamina kien ordnat mis-socjeta` *ARK Studio Limited* fejn gie stallat, (ara foll 41);

15.2. Illi bil-gurament tieghu l-istess intimat jirribadixxi li kien ghamilha cara lir-rikorrenti li x-xoghol kondott fl-ufficini tieghu, inkluz l-*air condition* in dizamina, kien qed isir f’isem is-

socjeta` gestita mill-intimat – *ARK Studio Limited* – u mhux minnu personalment, (ara foll 57);

15.3. Illi ghalhekk ghandu wkoll ikun pacifiku li l-intimat jirrizulta estraneu ghar-relazzjoni rigwardanti l-*air condition* in dizamina;

15.4. Illi konsegwentement, in vista tal-premess tiddikjara li l-intimat mhux il-legittimu kontradittur ghat-talba tar-rikorrenti fir-rigward;

**DECIDE:**

16.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat ipprova z-zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati minnu, u konsegwentement tiddikjara li ghar-ragunijiet esposti:

16.1. L-intimat Claude Busuttil mhux il-legittimu kontradittur ghat-talba tar-rikorrenti rigwardanti l-*air conditioner* stallat fl-ufficini tas-socjeta` *Ark Studio Limited*;

16.2. Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

16.3. Illi konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura odjerna;

16.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------